

21979A1101(01)

17.3.1980

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 71/127

PROTOKOLL LI HEMM MAL-FTEHIM DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TA' L-ARTIKOLU VII TAL-FTEHIM ĠENERALI DWAR IT-TARIFFI U L-KUMMERĊ

Il-Partijiet għall-Ftehim dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-tariffi u l-kummerċ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"),

Wara li kkunsidraw in-negozjati multilaterali dwar il-kummerċ u x-xewqa espressa mill-Kumitat tan-Negozjati dwar il-Kummerċ fil-laqgħa tiegħu tal-11 u t-12 ta' April 1979 li jasal għal test uniku ta' Ftehim dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-tariffi u l-kummerċ,

Waqt li jirrikonoxxu li pajjiżi li qed jiżviluppaw jistgħu jkollhom problemi partikolari biex japplikaw dan il-Ftehim;

Waqt li jikkunsidraw li d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 27 tal-Ftehim li jirrigwardaw l-emendi għadhom ma daħlux fis-seħħ;

Hawnhekk:

I

1. Jaqblu dwar it-tħassir tad-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 1(2)(b)(iv) tal-Ftehim;

2. Jirrikonoxxu illi d-dewmien ta' ħames snin għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li hemm provdut għalih fl-Artikolu 21(1) jista', fil-prattika, ma jkunx biżżejjed għal ċerti pajjiżi li qed jiżviluppaw. F'każijiet bħal dawn pajjiż li qed jiżviluppa li hu Parti għal dan il-Ftehim jista' jitlob qabel it-tmien tal-perjodu li għalih jirreferi l-Artikolu 21(1) estensjoni għal dak il-perjodu, waqt li qed jiġi miftiehem li l-Partijiet għall-Ftehim se jikkunsidraw b'simpatija talba bħal din f'każijiet fejn il-pajjiż li qed jiżviluppa inkwistjoni jista' juri li għandu kawża tajba;

3. Jirrikonoxxu li pajjiżi li qed jiżviluppaw li preżentement jivvalutaw l-oġġetti fuq bażi ta' valuri minimi stabbilita uffiċjalment jistgħu jkunu jixtiequ li jagħmlu riserva sabiex tgħinhom iżommu dawk il-valuri fuq bażi limitata u transizzjonali taħt dawk il-patti u kundizzjonijiet li jistgħu jkunu miftiehma mill-Partijiet għall-Ftehim;

4. Jirrikonoxxu li pajjiżi li qed jiżviluppaw li jikkunsidraw li l-qlib ta' l-ordni ta' sekwenza fuq talba ta' l-importatur kif jipprovdi għalih l-Artikolu 4 tal-Ftehim jista' jwassal għal diffikultajiet reali għalihom jistgħu jixtiequ jagħmlu riserva għall-Artikolu 4 skond it-termini li ġejjin:

"Il-Gvern ta'... jirriserva d-dritt li jipprovdi li d-dispożizzjoni relevanti ta' l-Artikolu 4 tal-Ftehim għandha tapplika biss meta l-awtoritajiet doganali jaqblu mat-talba biex tinqaleb l-ordni ta' l-Artikoli 5 u 6."

Jekk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jagħmlu din ir-riserva, il-Partijiet għall-Ftehim għandhom jagħtu l-kunsens għaliha taħt l-Artikolu 23 tal-Ftehim;

5. Jirrikonoxxu li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jistgħu jkunu jixtiequ jagħmlu riserva fir-rigward ta' l-Artikolu 5(2) tal-Ftehim skond it-termini li ġejjin:

"Il-Gvern ta'... jirriserva d-dritt li jipprovdi li l-Artikolu 5(2) tal-Ftehim għandu jkun applikat skond id-dispożizzjonijiet tan-nota relevanti li hemm miegħu kemm jekk hekk mitlub mill-importatur kif ukoll jekk le."

Jekk pajjiżi li qed jiżviluppaw jagħmlu riserva bħal din, il-Partijiet għall-Ftehim għandhom jagħtu l-kunsens taħt l-Artikolu 23 tal-Ftehim;

6. Jirrikonoxxu li ċerti pajjiżi li qed jiżviluppaw esprimew tħas-sib li jista' jkun hemm problemi fl-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 1 tal-Ftehim fejn għandu x'jaqsa ma' l-importazzjoni f'pajjiżhom minn aġenti esklussivi, distributuri esklussivi u konċessjonarji esklussivi. Il-Partijiet għall-Ftehim jaqblu li, jekk problemi bħal dawn iqumu fil-prattika f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li japplikaw il-Ftehim, studju ta' din il-kwistjoni għandu jsir, fuq talba ta' dawn il-pajjiżi, bil-ħsieb li jinstabu soluzzjonijiet xierqa;

7. Jaqblu li l-Artikolu 17 jirrikonoxxi li fl-applikazzjoni tal-Ftehim, l-amministrazzjonijiet doganali jistgħu jkollhom bżonn jagħmlu stħarriġ li jikkonċernaw il-veraċità jew l-eżattezza ta' xi stqarrija, dokument jew dikjarazzjoni preżentata lilhom għal finijiet ta' valutazzjoni doganali. Huma jkomplu jaqblu li l-Artikolu għaldaqstant jirrikonoxxi li jista' jsir stħarriġ li huwa, per eżempju, intiż biex jivverifika illi l-elementi tal-valur dikjarat jew preżentat lid-dwana inkonnessjoni mad-determinazzjoni tal-valur doganali huwa sħiħ u korrett. Huma jirrikonoxxu li l-Partijiet għall-Ftehim, bla ħsara għal-liġijiet u l-proċeduri nazzjonali tagħhom, għandhom id-dritt li jistennu il-koooperazzjoni sħiħa ta' l-importaturi f'dan l-istħarriġ;

8. Jaqblu li l-prezz attwalment imħallas jew li jrid jitħallas jinkludi l-ħlasijiet kollha li saru jew li se jsiru bħala kundizzjoni għall-

bejgħ ta' l-oġġettiimportati, mix-xerrej lill-bejjieġħ, jew mix-xerrej lil parti terza biex tkun issodisfata xi obbligazzjoni tal-bejjieġħ.

II

1. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom jitqiesu li huma parti minn dan il-Ftehim.

2. Dan il-Protokoll għandu jkun depożitat mad-Direttur Ġenerali għall-Partijiet Kontraenti għall-GATT. Huwa miftuħ għall-aċċettazzjoni, b'firma jew mod ieħor, minn firmatarji tal-Ftehim dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-tariffi u l-kummerċ u minn gvernijiet oħra li jaċċettaw jew jaderixxu mal-Ftehim skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 22 ta' l-istess.

Magħmul f'Ġinevra dan l-ewwel jum ta' Novembru elf disa' mija u disgħa u sebgħin f'kopja waħda fl-ilsien Ingliż, Franċiż u Spanjol, fejn kull test huwa awtentiku.
